*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,696, 7 ta' Settembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 351 tal-2021**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Pharmacotoxicology – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Pharmacotoxicology – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Pharmacotoxicology – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Pharmacotoxicology – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Pharmacotoxicology – P.G. Cert.; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Pharmacotoxicology – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery; jew

(b) il-grad ta' Master of Dental Surgery, (jew il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jekk mogħti qabel Lulju tal-2018); jew

(ċ) il-grad ta' Master of Pharmacy, (jew il-grad ta' Bachelor Pharmacy (Honours) miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jekk mogħti qabel Lulju tal-2012); jew

(d) grad f'suġġett relatat max-Xjenzi tas-Saħħa li jinkludi komponent farmakoloġiku, miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(e) grad ta' Bachelor fil-Medical Biochemistry jew fil-Pharmaceutical Science jew fil-Pharmacology jew fi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor li jinkludi komponent ta' farmakoloġija u li jkun meqjus xieraq mill-Bord tal-Istudji, miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II.

(2) Il-Bord għandu jirrakomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' postijiet jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż għal kull wieħed ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet:

(a) il-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq matul intervista, jekk meqjusa neċessarja.

(4) L-intervisti, jekk neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri maħtura għal dan il-għan mill-Bord.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul fil-Kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sentejn jew tlett snin ta' studju fuq bażi *part-time.*

**Il-Programm ta' Studju**

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti b'total ta' 30 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jkomplux il-Kors, jew li jkunu komplew iżda ma jtemmux b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-Postgraduate Certificate.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jkomplux il-Kors, jew li jkunu komplew iżda ma jtemmux b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-Postgraduate Diploma.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għal għoti tal-Grad jew jiksbu d-90 krettu ECTS kif imnizzel fil-programm ta' studju għal-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

9. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għandhom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjonijiet li weħlu fihom matul is-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar min-numru ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara l-valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

**Id-Dissertazzjoni**

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 15,000 u 20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul l-aħħar żewġ semestri tal-Kors; sakemm li l-istudenti li jixtiequ jkomplu l-Kors fuq medda ta' sentejn kalendarji għandhom jitħallew jaħdmu fuq id-dissertazzjoni matul il-perijodu tas-sajf wara s-semestri li jkun sar it-tagħlim fihom. Dawn l-istudenti jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Bord tal-Istudji b'din id-deċizzjoni sa mhux aktar mill-ewwel semestru tat-tieni sena tal-Kors.

(3) It-titlu tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sal-bidu tat-tielet semestru.

12. (1) L-istudenti għandhom ikollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu rapport ta' progress fuq kull student taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Bord tal-Istudji fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.